**50. Il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, l-Onor. Leo Brincat ippropona:-**

Billi bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar Self għall-Iżvilupp (Kap 229) il-Gvern hu awtorizzat li, bi jew skond ftehim ma' Gvern ta' pajjiż ieħor jew ma' organizzazzjoni, fond jew istituzzjoni oħra internazzjonali jew barranija, jissellef somom ta' flus li b'kollox ma jkunux iżjed mill-ammont li jikkorrispondi għal ħamsa u għoxrin miljun lira Maltija, jew dik is-somma ogħla li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi b'Riżoluzzjoni;

U billi fil-21 ta' Diċembru 1983 il-Kamra b'Riżoluzzjoni stabbiliet is-somma ta' ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija;

U billi dik is-somma ta' ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija dalwaqt ser tintlaħaq;

U billi huwa fl-interess ta' l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż li l-vantaġġ ta' faċilitajiet ta' self mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet barranin jitkompla għal somma akbar minn ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija;

Għalhekk qed jiġi b'dan riżolut li s-somma li l-Gvern ta' Malta jista' jissellef skond l-imsemmi subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-imsemmi Att tkun ta' mija u ħamsin miljun lira Maltija.

15.04.1997